MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

ID-DISA' LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 10**

**It-Tlieta, 04 ta' Frar 2025**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 04 ta' Frar 2024 fit-3:30 ta wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Thomas Mizzi – Sindku
Is-Sur Joseph Mercieca - Kunsillier
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmelo Micallef – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**

Is-Sinjura Ivana Mizzi – Viċi Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Loretta Cauchi – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti;**

Is-Sindku s-Sur Thomas Mizzi ppresjeda l-laqgħa.

**10.1 Talba;**

10.1.1 Il-laqgħa bdiet fit-03:35 ta wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri intqagħlet it-talba tal-bidu.

**10.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

10.2.1 Is-Sindku għarrar lill-membri preżenti li l-Viċi Sindku, Ivana Mizzi għada kif infurmat lill-Kunsill li mhux se tkun tista tattendi għal-laqgħa minħabba raġunijiet personali.



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**10.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

10.3.1 Billi l-minuti tal-laqgħat bin-numru 8 u 9 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

10.3.2 Is-sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

10.3.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**10.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;**

10.4.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 08/20025 għall-perjodi bejn 1s-07 ta' Diċembru 2024 u s-07 ta' Jannar 2025 li tammonta għal €19,056,39 ġiet approvata u ffirmata.

**10.5 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

10.5.1 Is-Sindku, is-Sur Thomas Mizzi, xtaq jaġġorna lil membri dwar xi informazzjoni li ġabar hu flimkien mas-segretarju rigward meta jinħareġ tender għall-perit tal-kunsill. Huwa spjega kif hu kien determinat li jkollna perit wieħed għal proġetti kollha, iżda wara li raw x'ġara lil kunsilli oħra hu xtaq jara l-membri x'jaħsbu dwar il-fatt li hu xtaq li rigward perit imexxu bis-sistema li għal kull proġett niddeċiedu bħala kunsill x'perit ikun l-aktar addattat għall proġett speċifiku. Din il-proposta titlob li meta ser inkunu qed nipjanaw xi proġett issir diskussjoni waqt l-laqgħa fejn il-membri flimkien jiddeċiedu liema perit jitqabbad għal dak il proġett partikulari. Kien hemm qbil mill-membri preżenti.

10.5.2 Is-Sindku xtaq jiddiskuti proposta tas-safra. Id-drawa kienet li mmorru Sqallija iżda fuq idea tal-kunsillier Joseph Mercieca, is-sindku qed jiproponi li mmorru Paray-le-Monial, li hu l-post fejn dehret il-Qalb ta' Ġesu. Hu xtaq jiddiskuti biex jara z-zmien idejali meta norganizzaw din is-safra. Saret diskussjoni u ġie deċiż li din issir għal ħamest ijiem mill-10 ta' Settembru il quddiem, data preċiza tiġi ffissata data wara li niddiskutu mall-kappillan biex ma nidħlux fuq attivitajiet oħra tal-komunita.

10.5.3 Is-Sindku xtaq jagħti aġġornament dwar ir-reklutaġġ ta ħaddiem ġdid fl-uffiċċju. Hu fakkar li l-kunsill diġa kien qabel li jekk ma jkunx hemm xi restrizzjonijiet mid-dipartiment nipproċedu b' sejħa għal Assistant Principal li issa saret tissejjaħ *Administration Officer II.* Is-Sindku ikkonferma li flimkien mas-segretrarju ikonfermaw mal-*accountant* li l-kunsill jiflaħ għal din l-ispiza. Is-Sindku għal darba oħra reġa spjega kif hu jixtieq li jkollna amministrazzjoni b'saħħita biex inkunu f pozizjoni li nwettqu l-pjanijiet tagħna. Hu semma ukoll kif l-esperjenza urietna li hu ferm neċċessarju li jkollna ħaddiema b'ċertu livel ta esperjenza. Is-Sindku rrimarka ukoll li fil prezent is-Segretarju qeda f'sitwazzjoin fejn ma tistax tieħu *leave* u li minn meta beda r-rwol tiegħu din ħadmet mhux biss sigħat twal imma anke kellha taħdem mid-dar matul tmiem il-ġimgħa biex tlaħħaq ma dak neċessarju. Għalhekk xtaq jikonferma mal-kunsill qabel jibda l-proċedura mad-dipartiment. Il-membri preżenti qablu biex niproċedu.

10.5.4 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jagħmel kuntatt mal-Ministeru tas-Saħħa u Anzjanita' Attiva biex jara jistax jistabillixxi xi tip ta ftehim mal-ministeru ikkonċernat b xi tip ta assistenza biex inkun nistaw nofru is-servizz ta *Day Center.* Jekk issir qbil niproċedu biex naraw jistax jofrilna l-speakers jew terrapisti li jistaw jofru informazzjoni jew gwida lil anzjani. Ġie deċiz li niproċedu u nerġaw niddiskutu dwar dan il-punt hekk kif ikolna aktar informazzjoni.

10.5.5 Is-Sindku għarraf li nhar il-ġimgħa 31 ta' Jannar kellu laqgħa mal-*Legal Enforcement Officer* responsabli min Għawdex. Din il-laqgħa saret wara talba mis-Sindku rizultat ta ilmenti kontinwi dwar *tickets* li kienu qed jinħarġu lir-resident fiz-zona ta parkeġġ *Zone B.* Is-Sindku spjega kif ilu jirċivi ilmenti li *warden* ma jidhirx fir-raħal u fill spiċċat b'telefonati kontinwi li r-residenti qed jiġu mogħtija taħrik fiz-*zone B.* Fil-prezent is-sitwazzjoni hi li r-residenti taz-*Zone B* irrid ikollok l-permess validu visibli fuq l-*windscreen.* Waqt din l-laqgħa esplorajna il possibilita li r-resident ma jkollomx bzonn dan il-permess taz-*Zone B.* Wara diskussjoni u spjegazzjoni għaliex hu rrakomandat li r-residenti jkollhom il-permess visibli ġie konkluz li l-kunsill ser ikun qed izomm mal-liġi prezenti peress li din is-sistema qeda applikata ukoll f'irħula oħra f'Malta u Għawdex. Il-kunsill għalhekk qabel li nzommu mas-sistema prezenti u li fl-avvizi li jmiss infakkru lir-residenti fil bzonn li jkollhom il-permess validu filwaqt li niġbdu wkoll l-attenzjoni li irrid ikun dejjem visibli.

10.5.6 Is-Sindku ppreżenta l-*performance appraisal report* li ħejja tas-Segretarju Eżekuttiv mit-8 ta'April 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024. Il-

Kunsill unanimament approva l-ħlas ta' *performance bonus* sħiħ, jiġifieri ta' 10%.

10.5.7 Is-Sindku ressaq għal-approvazzjoni tal-membri l-*performance appraisal* tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, Josianne Cassar għall-perjodu li servit fill-Kunsil bejn l-01 ta' Jannar u s-07ta' April, 2024. Is-Segretarju flimkien mas-Sindku iddiskutew dan il-punt izda xtaqu li din tkun diskussa bejn il-membri. Wara diskussjoni ġie deċiż li tingħata l-istess li ngħatat is-sena l-oħra li kien dak ta 9%.

10.5.8 Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill jorganizza attivita matul l-ġimgħa tal-festa tar-raħal. Il-proposta hi li jiġi organizzat xi tip ta kunċert. Waqt d-diskussjoni issemma l-punt li waqt il-ġimgħa tal-festa l-*bbq* nhar ta' Tnejn ikun hemm, u ġie ukoll imsemmi l bzonn li naraw fejn nipjanaw din l-attivita' peress li jkun hemm l-armar għaddej. Is-Sindku ikonferma li hu kien qed jiproponi li din l-attivita ssir fl-inħawi ta Triq John Gaspard Le Merchant biex ninvolvu ukoll lir-residenti ta dawk l-inħawi fl-atmosfera tal-festa. Ġie propost mill-kunsillier Horace Micallef li din l-attivita issir il-*weekend* ta qabel il-festa biex inkunu nistaw nilħqu aktar nies peress li l-festa tar-raħal tiġi waqt zmien l-ezamijiet. Għalhekk ġie deċiż li ser naplikaw għal fondi u ninvolvu lil għaqdiet biex jieħdu ħsieb il-*bars u* l-*stalls* tal-ikel*, etċ*.

10.5.9 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li saret l-*ballard* ta' Wied Siekel, irċieva ilment minn persuna li għanda għalqa fdawk l-akwati. Din il-persuna hi anzjana u xi kultant ikollha bzonn iġġor xi kaxxi bil-ħaxix mill-għalqa għalhekk hi talbet li jkollha aċċess. Il-kunsill iddiskuta u qabel li meta jkollu bzonn jinforma lill kunsill tal-anqas jumejn qabel sabiex jintbgħat il-*handyman,* jiftaħ l-*ballard* u terġa titpoġġa f'postha minnufih hekk kif jgħabbi l-kaxxi.

**10.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;**

10.6.1 Il-Kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenzjoni tal-kunsill għall fatt li xi persuna li aplikat għall-permess, waħlet l-permess mall-ħitan, u li meta ġie magħluqh l-permess, inqalgħet z-zebgħa minn mall-faċata. Hu xtaq li ninfurmaw lil kull min jiġi iħallas permess biex joqgħod attent u biex nirrakomandaw li jintuza *tape* tal-karti. Hu semma ukoll li xi ħadd wasal biex sammar l-permess b imsiemer ġo faċċata ta dar. Is-segretarju ser tkun qed tenfasizza dan il-punt biex tingħata attenzjoni lil propjeta.

10.6.2 Il-Kunsillier Carmelo Micallef staqsa jistax il-kunsill jitlob lid-dipartiment tat-toroq jistax jagħmel intervjent biex titranġa l-ħotob li reġa tfaċċa fi Triq Mons. Mikiel F. Buttiġieġ. Il-kunsill qabel li tiġi rrapurtata fuq is-sistema tal-kunsilli (Gozo LC system).

10.6.3 Il-Kunsillier Joseph Mercieca staqsa dwar possibilita li ssir xi ħaġa biex ir-*rubbish* ta Fontanella Gardens jinħareġ fi Triq Kappillan Hili peress li qed tinstab problema biex it-*truck* taz-zibel jitla fi Triq is-Sajjieda minħabba l-karozzi pparkjati. Is-segretarju nformat li hi ma rċievit l-ebda ilment mingħand *is-service provider*. Waqt id-diskussjoni tqajjem il-punt li ma tistax timponi li r-residenti jagħmlu dan filwaqt li tqajjem il punt li għal ċertu residenti f'din il-blokka ta appartamenti, il-post irrakomandat hu ferm aktar imbiegħed u jista jkun ta inkonvenjent. Ġie deċiz li l-kunsill jista jerġa ifakkar l-ġranet ta meta jinġabar l-iskart u li skond il-liġi ma jistax jinħareġ qabel il-ħin stipulat. Il-kunsill qabel li jagħmel tabella fuq il-ganċijiet li hemm fi Triq is-Sajjieda dwar l-iskeda tal-ġbir ta skart.

10.6.3.1 Il-Kunsillier Joseph Mercieca xtaq li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni lil min għamel *t-trenching* speċjalment fi Triq Wara l-Idjar biex jerġaw jirranġaw l-parti tat-triq bit-tarmac. Kien hemm qbil li naraw kif nistaw niġbdu l-attenzjoni lil min hu responsabli.

**10.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti u materji oħra;**

10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-membri li ilbieraħ ġie l-uffiċċju ir-resident li talab li jiġi imwaħħal dak il-fanal li kien inqala' fl-inħawi ta Wied Siekel. Il-membri reġaw iddiskutew dan il-punt wara li s-segretarju wassal l-messaġġ li din il-persuna ser tkun qed tfittex lill-Kunsill jekk iweġġa kaġun ta dlam. Il-membri qablu li jibdew il-proċess.

10.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrak lill-membri li għada l-Erbrgħa 5 ta'Frar ser jibdew il-korsijiet tal- *Lifelong Learning.* Il-korsijiet ser ikunu bejn id-9:00 u l- 11:00 ta filgħodu u l-ieħor bejn il-05:00 u s-07:00 ta filgħaxija.

10.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaqet tiġbed l-attenzjoni dwar kommunikazzjoni li għamlet mal-membri dwar rikjesta rikorrenti mingħand residenta li tixtieq kopja tal-minuti bejn Marzu 2005 u Marzu 2008. Hi ikonfermat li staqsiet lid-dipartiment biex tkun tista tofri *link* lil din r-residenta izda apparentament dan mhux possibli minn naħħa tagħhom. Lir-residenta ġiet ofruta l-possibilita li tmur tara dawn il-*files* mill-arkivji. L-

informazzjoni rikjesta tinsab f'4 kotba li s-segretarju ma għandux l-poter li jitħallew joħorġu mill-uffiċċju peress li huma l-unika kopja li taf biha hi. Ir-resident talab biex jiġi l-uffiċċju jara dawn id-dokumenti imma bħalma tafu l-spazju hu li hu. Il-Kunsill flimkien mas-segretarju ikonfermaw li dan hu dritt tar-resident, għalhekk ġie irrakomandat li nuru l-ammont ta kopji li hemm, u naraw tistax tagħtina perjodu aktar speċifiku biex nipproċedu, kif ukoll nieħdu ktieb għand *stationery* u naraw kemm jiswa biex jiġu *scanned* ninfurmaw lir-residenta.

10.7.4 Il-Kunsill irċieva ilment fuq daħla ta dar abbandunata fi Triq L-Isptar San Ġiljan. Ir-resident qed jitlob li din d-daħla tingħalaq biex ma jsirx aktar *illegal dumping.* Il-Kunsill qabel li jiġi nfurmat l-*Community Police* biex naraw x jista issir. 1:24:39

10.7.5 Il-Kunsill irċieva rikjesta mingħand l-Kampus tal-Univerista ta' Malta ġewwa Għawdex, fejn dawn staqsew jekk hux possibli li l-Kunsill jgħaddilhom kopja tal-ktieb "Il- Fontana u Ġrajjietha". Kien hemm qbil mill-membri li jingħata dan il-ktieb.

10.7.5 Is-Segretarju Eżekuttiv xtaq li l-Kunsill jiddeċidi dwar il-fatt li qed ikun hemm talba mingħand dawk in-nies mill-Fontana li ma joqgħodux il-Fontana u jekk dawn jingħatawx kopja tal-ktieb jew jekk dawn humiex ser ikunu mitluba iħalsu għal dan il-ktieb. Ġie deċiz li kopja b'xejn tingħata biss lil kull min hu imnizzel fuq ir-Reġistru Elettorali. Dwar kemm ser jinbigħ il-ktieb ġie deċiż li nagħmlu kuntatt mal-awtur u nikkonfermaw biex ikunu l-istess prezz.

10.7.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għal approvazzjoni tal-Kunsill il persentaġġ ta 6% li qed jiproponi biex jingħata lil-iskrivan Joseph Bajada bħala *performance bonus* għass-sena 2024. Il-Kunsill unanimament approva.

**10.8 First Aid Course;**

10.8.1 Is-Sindku ressaq għad-diskussjoni l-possibilita li noffru *First Aid Course.* L-istima li għandna hi għal grupp ta 15 il-persuna. Ġie deċiz li nikkonferma x'ċertifikat jingħata u niddiskutu fil-laqgħa li jmiss meta nistaw nibdew u l-prezz, biex naraw nistawx nofruh bi prezz ridott lir-residenti tal-Fontana.

**10.9 Kunsill tat-Tfal;**

10.9.1 Is-Sindku irrefera għal korrispondenza li kellu mal Eċċelenza s-Sinjura Marie-Louise Coleiro Preca fejn hi espremit ix-xewqa li l-kunsill tagħna ukoll ikellu l-Kunsill tat-Tfal. Il-Kunsill hu responsabli li joħroġ sejħa għat-tfal ta bejn 6 u 16 il-sena filwaqt li huma minn-naħħa tar-*RIGHTS: The Children's Local Council* jikkordinaw u jorganizzaw dawn il-laqgħat. Il-Kunsill hu mitlub iħeġġeġ lit-tfal jipparteċipaw u li jkunu preżenti s-Sindku u/jew l-kunsillier li hu responsabli mid-dekasteru relevanti. Kien hemm qbil mill-membri u għalhekk ser nikkonfermaw u nibdew il-proċess.

**10.10 Festa Tfal 2025;**

10.10.1 Is-Sindku xtaq jiddiskuti mall-membri u jibda jipjana għal din l-attività . Ġie imsemmi kif kienet issir din l-attivita, u talab lill Kunsillier Joseph Mercieca jitkellem dwar dan. Il-kunsillier Joseph Mercieca spjega d-diversi modi kif kienet issir din l-attività fis-snin ta qabel. Il-kunsillier Horace Micallef ikkonferma li l-ġurnata tas-Sibt, kif saret is-sena l-oħra, irriżulta li ma kienitx l-ġurnata u ħin ideali għal diversi fatturi. Il-kunsillier Joseph Mercieca semma ukoll il-fatt li maż-żmien din l-attivita li bdiet bħala parti mill-festa tar-raħal kważi spiċċat maqtugħa minn dan il-għan. Il-membri qablu li niddiskutu mall-kappillan l-aħjar ġurnata li nistaw norganiżżaw din l-attivita'. Sar qbil li jekk se norganiżżaw xi logħob jew attivitajiet il-purċissjoni bl-istatwa ma tkunx twila biex jibqa' ħin għal-logħob.

**10.11 Aġġornament fuq il-proġetti;**

10.11.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-perit ġie fuq il-post u kkonkluda l-kejlijiet kollha u suppost il-ġimgħa d-dieħla jitkompla x-xogħol taċ-Ċentru Ċiviku.

10.11.2 Is-Sindku għarraf li t-Tender ta' *CCTV cameras* ġie ippublikat u sar qbil li fil-laqgħa li jmiss niddeċiedu fuq l-membri tal-*board.*

10.11.13 Is-Sindku għarraf lil membri li l-Kunsill irnexxilu jakwista skont fuq il-prezz ikwotat mingħand Gatt Group of Companies rigward it-taraġ tal-proġett ta' *Taħt ir-Railing*. Dan wara li is-Sindku talab lil-Perit Bezzina jikkonferma l-prezzijiet ikwotati. Il-Perit Bezzina ikwota prezzijiet aktar vantaġġuzi u wara li ġie diskuss dan ma *Gatt Group of Companies*, iddeċidew li jirrevedu l-stima Dan il gwadan għall-Kunsil kien ta €400

inqas fir-*rendering of the side of the stairs* u €300 inqas mis-somma tal-materjal, qtugħ, truf u tpoġġija tat-taraġ inklux l-prezz tax-xogħol involut biex issir dan. Wara li ġiet ikkonfermata l-stima ġie ikkonfermat ukoll li x-xogħol fuq it-taraġ għandu jitkompla din il-ġimgħa. Kif titlesta l-ewwel fażi se jibdew it-tieni fażi.

**10.12 Kiri tas-Sala;**

10.12.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li dwar dan il-punt kien hemm fil-proċess *bye-law,* tlabna aktar tgħarif mingħand l-avukat li kien responsabli – Dr. Chris Said u dan ikkonfermalna li aħna nistaw nikru din is-sala qabel ma tiġi kkonfermata il- *bye-law* wara li l-Kunsill jiddeċidi fuq prezz. Il-prezz li kien qed jiġi porpost fil- *bye-law* kien ta € 100 kull ġurnata għall-attivitajiet u l-prezz ta €50 jekk tkun uzata għal taħriġ. Il-Kunsillier Horace Micallef ġibed l-attenżjoni li hu kien ressaq il-punt li b'deċizzjoni u qbil tall-Kunsill inkunu nistaw nikru s-sala lil xi għaqdiet mingħajr ħlas. Din l-klawsola qeda speċifikata fil-*Bye Law* proposta, u inqrat mis-Segretarju. Il-Kunsill iddeċieda li nżommu l-istess prezzijiet filwaqt li nsostnu li s-sala tinħasel wara kull atttivita' jew l-ispiza titnaqqas mid-depozitu. Il-membri qablu li niproċedu bit-talbiet li għandna għal- kiri tas-sala b'dawn il-prezzijiet.

**10.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss;**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6:00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta 18 ta' Frar 2024 fit-03:30 ta' wara nofsinhar.

Konfermati, llum, it-Tlieta 18ta' Frar 2024.

Thomas Mizzi
Sindku

Loretta Cauchi
Segretarju Eżekuttiv